# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## MINUTI

## SEDUTA NRU 261 – It-Tnejn 11 ta' Frar, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsilliera s-Sinj. Mariette Borg
Il-Kunsillier is-sur Mario Cachia
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻAT

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo li jgħid li kien jinsab indispost u ma setax ikun preżenti.

Is-Sindku ippropona li din l-assenza għandha tkun aċċettata bħala waħda valida. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 259 u tas-Seduta nru. 260 ikunu approvati bħala dokumenti korretti. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## 2.1 Arriva

Is-Sindku qal li kien kiteb lil-Arriva u kien qed jistenna t-tweġiba tagħħom.

## 2.2 Outdoor Gym fi Triq Mons. F.X. Mangion

Is-Sindku qal li x-xogħlijiet kienu bdew. Tlesta wkoll culvert ġdid biex ikopri l-ilma li jinżel minn Triq is-Salib kif ukoll se jitnaddaf u jitranġa l-culvert li hemm kantuniera ma' Triq Nikola Bonello.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti xtaq juri l-apprezzament tiegħu għal ħidma tas-Sindku li permezz tan-negozjati tiegħu mal-Kunsill Malti għall-Isport, il-Kunsill irnexxielu jġib il-fondi kważi kollha ta' dan il-proġett.

## 2.3 Triq il-Għid

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu żewġ ilmenti minn sidien ta' stabililmenti kummerċjali fl-imsemmija triq li qalu li naqsilhom il-bejgħ u għalhekk talbu li t-triq terġa' ssir *two-way.*

Barra minn hekk, diversi residenti ta' Triq Papa Pawlu VI talbu li din it-triq minn Triq Santa Margerita sa Triq il-Għid issir *one way*. Dan għaliex minn meta Triq il-Għid saret *one way* żdiedet il-konġestjoni.

Is-Sindku qal li hu tal-fehma li sakemm jgħaddi ż-żmien tal-prova, ma jkunx jaqbel li jsiru aktar tibdiliet.

Barra minn hekk, hu kien talab lill-Perit David Vassallo biex iħejji pjanta bi proposta ta' *roundabout* fi Triq Santa Margerita/ Triq Papa Pawlu VI u kif tkun lesta tiġi diskussa fil-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal li kien avviċinat minn resident li lmentat dwar in-nuqqas ta' bankina li kellha fi Triq Ramija ssir mill-iżviluppatur ta' propjetà li tiela' f'din it-triq. Is-Sindku qal li kien se jkellmu

## 2.4 Restawr tal-Istatwa ta' San Pawl

Is-Sindku qal li qabel jibdew ix-xogħlijiet trid issir applikazzjoni mal-MEPA liema applikazzjoni se ssir mill-Perit Julian Borg.

## 2.5 Triq il-Girgenti

Is-Sindku qal li wara li ltaqa' mal-Perit David Vassallo, tħejjiet proposta tal-arranġamenti tat-traffiku, liema proposta intbagħtet lil Transport Malta.

## 2.6 Triq Ta' Brandin

Is-Sindku qal li f'laqgħa mal-Perit David Vassallo intbagħtet stima lill-kuntrattur u billi din hija triq ġdida, jekk Transport Malta taċċetta, issir mill-Kunsill u imbagħad TM tgħaddi l-ħlasijiet lill-Kunsill.

# 3. FINANZI

## 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsilliers Mariette Borg issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3.2 Rapport Finanzjarju 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jpoġġi fuq il-mejda ir-rapport finanzjarju, mhux awditjat tal-kontijiet. Huwa qal li dan ir-rapport issa jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għall-awditjar. Qabel l-aġġustamenti neċessarji l-working capital kien ta'

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu japprova r-rapport. Il-Kunsillier Ryan Callus issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3.3 Estimi Finanzjarji 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-estimi finanzjarji għas-sena 2013. Wara diskussjoni li matulha s-Sindku emfasizza li minħabba diversi proġetti kapitali kbar b'mod partikolari dik ta-Ċentru Ċiviku, irridu li nżommu skrupiożament ma' dawn l-estimi, il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

## 4.1 Service of an Accountant LCS 33/12

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet daħlet offerta waħda biss dik ta' GMM (Malta) Ltd. li huma l-accountants preżenti. Is-somma offruta hija dik ta' €4,248 fis-sena.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din l-offerta. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.2 Patching Works LCS 34/12

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu żewġ offerti: Urban Services Ltd., u Nicholas Farrugia.

Is-Sindku qal li minkejja li l-offerta ta' Urban Services Ltd., hija l-orħos waħda, madankollu qed iddaħħal il-kundizzjoni li l-fond ikunu ta' 50mm. filwaqt li dik ta' Nicholas Farrugia l-offerta hija miftuħa għal kull fond.

Is-Sindku, qal li se jikkonsulta mal-Perit tal-Kunsill, qabel tkun tista' ssir l-għażla.

## 4.2 Traffic Management Consultant

Rigward il-proġett, is-Sindku qal li għad irid isir il-Memorandum of Understanding mal-KMS dwar il-ħlasijiet.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

### 5.1 Mixegħla tas-Salib tal-Għolja

Il-Kunsillier Jesmond Tanti informal ill-Kunsill li t-tħejjijiet għal mixegħla ta' din is-sena bdew fuq l-istess linji tas-sena l-oħra.

### 5.2 Indafa fiz-zona urbana

Il-Kunsillier Jesmond Tanti irrimarka li jidher li f'dawn l-aħħar ġimgħat wara l-bidla fil-kuntrattur, is-sitwazzjoni tal-indifa fit-toroq urbani żdieded sostanzjalamnet.

### 5.3 Ċaqliq ta' Brin-in sites

Il-Kunsilliera Mariette Borg staqsiet għalfejn dawn kienu għadhom ma ċċaqalqux fis-siti maqbula. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien hemm xi diffikultajiet min-naħa tal-*Wasteserv* u kien qed jipprova jsolvihom.

# GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.00pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2013.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **14/1/13-11/2/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | agenda bookshop | €43.54 | €43.54 | pf | books for library | 15/01/13 | 15568 | | | | 9389 |
| 2 | miller | €28.00 | €28.00 | pf | books for library | 15/01/13 | 10928226 | | | | 9389 |
| 3 | preca library | €38.00 | €38.00 | pf | books for library | 15/01/13 | 136133 | | | | 9389 |
| 4 | n.baldacchino | €93.00 | €93.00 | pf | petrol expenses jan13 | 01/02/13 | | | | | 9389 |
| 5 | mayor | €669.94 | €669.94 | pf | honoraria jan13 | | | | | | |
| 6 | mayor k.aquilina | €640.00 | €640.00 | pf | allowance councillors july-dec12 | | | | | | |
| 7 | r.callus | €480.00 | €480.00 | pf | allowance councillors july-dec12 | | | | | | |
| 8 | m.cachia | €480.00 | €480.00 | pf | allowance councillors july-dec12 | | | | | | |
| 9 | ncassar | €480.00 | €480.00 | pf | allowance councillors july-dec12 | | | | | | |
| 10 | m.vassallo | €480.00 | €480.00 | pf | allowance councillors july-dec12 | | | | | | |
| 11 | j.tanti | €480.00 | €480.00 | pf | allowance councillors july-dec12 | | | | | | |
| 12 | m.borg | €480.00 | €480.00 | pf | allowance councillors july-dec12 | | | | | | |
| 13 | n.baldacchino | €2,423.20 | €2,423.20 | pf | performance bonus 2012 | | | | | | |
| 14 | r.giorgino | €1,036.31 | €1,036.31 | pf | performance bonus 2012 | | | | | | |
| 15 | m.muscat | €915.97 | €915.97 | pf | performance bonus 2012 | | | | | | |
| 16 | employees | €3,275.12 | €3,275.12 | pf | salaries | | | | | | |
| 17 | bristow potteries | €349.40 | €349.40 | pf | street name plaques | 04/02/13 | 805 | | 133/12 | | 9456 |
| 18 | alex camilelri | €847.43 | €847.43 | pf | public conveniences jan | 04/02/13 | 69 | 41575 | | | 9447 |
| 19 | smart office supplies | €185.85 | €185.85 | pf | stationery | 04/02/13 | 13038758 | | 1.153846 | | 9459 |
| 20 | daniel cutajar | €424.70 | €424.70 | pf | bulky refuse jan13 | 01/02/13 | 2 | | | | 9446 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,850.46** | **€13,850.46** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€13,850.46** | **€13,850.46** | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 261 tal-11/2/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

**Data:** **14/1/13-11/2/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | brick block | €70.80 | €70.80 | | pf | hire of skip for clearing garage | 31/01/13 | 5 | | | | 9445 |
| 22 | central asphalt | €1,192.39 | €1,192.39 | | pf | cold asphalt for patching | 31/01/13 | 45434 | | | | 9444 |
| 23 | pavi | €18.63 | €18.63 | | pf | milk/choc | 02/02/13 | 513283 | | | | 9443 |
| 24 | ecopure | €8.50 | €8.50 | | pf | water for dispenser | 21/02/13 | 535761 | | | | 9442 |
| 25 | twanny ironmongery | €128.36 | €128.36 | | pf | lamps | 31/01/13 | 3688 | | | | 9441 |
| 26 | antonia aquilina | €136.62 | €136.62 | | pf | attendant library | 01/02/13 | | | | | |
| 27 | secom | €279.00 | €279.00 | | pf | set up new line health centre | 28/01/13 | 6158 | | | | 9440 |
| 28 | smart office supplies | €38.41 | €38.41 | | pf | stationery | 29/01/13 | 93004177 | | 15/13 | | 9439 |
| 29 | arms | €760.00 | €760.00 | | pf | application new water service fx mangion | 29/01/13 | | | | | 9428 |
| 30 | arms | €300.00 | €300.00 | | pf | application new elec serv fx mangion | 29/01/13 | | | | | 9429 |
| 31 | george bonello | €60.00 | €60.00 | | pf | stones for girgenti troll | 30/01/13 | 1668 | | | | 9438 |
| 32 | cir | €4,030.32 | €4,030.32 | | pf | inland revenue jan13 | 29/01/13 | | | | | 9466 |
| 33 | cassie cutajar | €115.20 | €115.20 | | pf | clerikal work saturdays jan13 | 01/02/13 | | | | | 9437 |
| 34 | j.marmara | €19.50 | €19.50 | | pf | gas cylinder | 25/01/13 | 816 | | | | 9436 |
| 35 | dex | €59.00 | €59.00 | | pf | coat hanger | 24/01/13 | 7634 | | | | 9467 |
| 36 | j.marmara | €58.50 | €58.50 | | pf | gas cylinder | 18/01/13 | 801 | | | | 9436 |
| 37 | p.farrugia | €28.20 | €28.20 | | pf | mineral water | 18/01/13 | 714 | | | | 9434 |
| 38 | access point | €236.00 | €236.00 | | pf | it virtual pack jan13 | 03/01/13 | 3256 | | | | 9433 |
| 39 | smart | €110.67 | €110.67 | | pf | stationery | 16/01/13 | 13038143 | | 13/13 | | 9459 |
| 40 | smart | €38.94 | €38.94 | | pf | stationery | 22/01/13 | 13038331 | | 13/13 | | 9459 |
| | **Sub Total c/f** | **€7,689.04** | **€7,689.04** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€13,850.46** | **€13,850.46** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,539.50** | **€21,539.50** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 261 tal-11/2/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 261**

**Data:** 14/1/13-11/2/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | kopin | €250.00 | €250.00 | | pf | planning preparation training SCREENS | 31/01/13 | 0 | | | | 9460 |
| 42 | klikk | €360.00 | €360.00 | | pf | hp laserjet printer | 30/01/13 | 7601 | | 18/13 | | 9461 |
| 43 | steel structures | €75,000.00 | €75,000.00 | | pf | 2nd payment centru civiku | | | 08-Nov | | | 9472 |
| 44 | siggiewi football club | €8,000.00 | €8,000.00 | | pf | payment agreement 2013 | | | 13-Oct | | | 9462 |
| 45 | akl | €20.00 | €20.00 | | pf | performance rights society 2013 | 06/02/13 | akl52/95 | | | | 9463 |
| 46 | ronald bezzina | €2,770.83 | €2,770.83 | | pf | street sweeping jan13 | 30/01/13 | | 41621 | | | 9464 |
| 47 | tctc | €1,100.00 | €1,100.00 | | pf | learn it agreement computer courses | 07/02/13 | | 13-Dec | | | 9465 |
| 48 | k.aquilina | €263.52 | €263.52 | | pf | expenses advertising icw festa gheneb | 08/02/13 | 12 | 11-Dec | | | 9432 |
| 49 | dex | €846.39 | €846.39 | | pf | furniture office day centre | 07/02/13 | 7693 | | | | 9468 |
| 50 | dex | €884.28 | €884.28 | | pf | furniture office day centre | 07/02/13 | 7692 | | | | 9467 |
| 51 | xuereb bros | €5,711.41 | €5,711.41 | | pf | waste collection jan13 | 02/02/13 | 7890833 | 41546 | | | 9430 |
| 52 | callus landscaping | €2,710.16 | €2,710.16 | | pf | planting public spaces jan13 | 31/01/13 | | | | | 9458 |
| 53 | vodafone | €96.61 | €96.61 | | pf | 99491670 jan13 | 01/02/13 | 334932802201 | | | | 9457 |
| 54 | n.baldacchino | €93.00 | €93.00 | | pf | petrol expenses feb13 | 28/02/13 | | | | | 9470 |
| 55 | klikk | €1,119.00 | €1,119.00 | | pf | apple macbook pro13 project screens | 08/02/13 | 7664 | 26/13 | | | 9469 |
| 56 | tctc | €62.51 | €62.51 | | pf | distribution of leaflets courses feb13 | 01/02/13 | 14 | | | | 9431 |
| 57 | a.borg | €572.49 | €572.49 | | pf | performance bonus 2012 | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€99,860.20** | **€99,860.20** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€99,860.20** | **€99,860.20** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 261 tal-11/2/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier